

SPJEGA

1. Dan mit-3 suppliment għas-26 edizzjoni kompluta tal-katalgu komuni tal-varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli ⁽¹⁾ jinkludi l-modifikazzjonijiet li kienu meħtieġa li jiżiedu sabiex tiġi kkunsidrata informazzjoni li l-Kummissjoni rċeviet mill-Istati Membri.
2. Is-suppliment preżenti jimxi fuq is-suddiviżjoni adottata fis-26 edizzjoni kompluta. Referenza tista' ssir għall-ispeġja ta' din l-edizzjoni.
3. Dan is-suppliment ikopri l-perjodu sal-31 ta' Jannar 2008.
4. Il-modifikazzjonijiet b'paragun mas-26 edizzjoni kompluta huma indikati f'kolonna 4 bil-mod li ġej:
 - (add.): tfisser pożizzjoni ġdida introdotta fil-katalgu komuni,
 - (mod.): tfisser modifikazzjoni ta' pożizzjoni ġa eżistenti. L-indikazzjonijiet relatati ma' din il-pożizzjoni fis-suppliment preżenti jieħdu post daww tas-26 edizzjoni kompluta,
 - (del.): tfisser li l-pożizzjoni indikata u l-indikazzjonijiet kollha li jikkonċernaw lilha huma maqtugħa mill-katalgu komuni.
5. Iż-żidiet jikkonċernaw il-varjetajiet notifikati li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet inniżżla f'Artikolu 16(1) id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE ⁽²⁾.
6. Meta l-kodiċi tal-persuna responsabbli miż-żamma tal-varjetà ma jidherx fis-26 edizzjoni kompluta, l-isem u l-indirizz ta' din il-persuna jistgħu jinġiebu mill-awtorità indikata fil-lista ta' l-Istat Membru jew il-pajjiż konċernat li hu membru ta' l-EFTA.

⁽¹⁾ ĠU C 304 A, 15.12.2007, p. 1. Il-Katalgu kif l-aħħar modifikat it-2 suppliment (ĠU C 75 A, 26.3.2008, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).